MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 49/2008/1

**Saviour Spiteri, Nicholas Spiteri u b'digriet tal-24 ta' Novembru 2010, l-atti tal-kawza ghaddew f'isem Mary Spiteri, Anthony Spiteri, Marija Spiteri, Nicholas Spiteri, Anna Spiteri u Carmelo Spiteri minhabba l-mewt tal-attur Salvatore Spiteri fil-mori tal-kawza u b'digriet tat-12 ta' Novembru 2013 stante l-mewt ta' Mary Spiteri fil-mori tal-kawza, l-atti f'isimha ghaddew f'isem l-istess Nicholas Spiteri, Anthony Spiteri, Maria Spiteri, Anna Spiteri u Carmelo Spiteri**

**v.**

**Korporazzjoni Enemalta u l-Avukat Generali**

**Preliminari**

**1.** Dan hu appell maghmul mir-rikorrenti, l-appellanti, minn digriet moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Mejju 2002 li permezz tieghu dik il-Qorti, fl-istadju finali tal-kawza, cahdet talba tar-rikorrenti sabiex jigi awtorizzat jesebixxi dokumenti; kif ukoll appell tal-istess rikorrenti minn sentenza moghtija minn dik il-Qorti fil-11 ta' Lulju 2013 li permezz taghha cahdet it-talbiet tar-rikorrenti:-

"… … billi ma ntweriex li, bil-qtugh tal-provvista tal-elettriku fil-fond tar-rikorrenti, huma garrbu ksur ta' xi wiehed mill-jeddijiet fundamentali msemmija minnhom fir-rikors promotur" [kontemplati fl-artikoli 36[1], 37[1], 38[1], 39[2] u 45[1] tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u fl-artikoli 3, 6, 8 u erbatax, kif ukoll l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem] u

"… … billi ma hemmx direttivi li l-Qorti tista' taghti fil-qaghda attwali"; bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**2.** Fir-rikors tal-appell tieghu, l-appellant talab li fl-ewwel lok din il-Qorti tirrevoka d-digriet fuq indikat, u minflok, tawtorizza l-prezentata ta' dokumenti ulterjuri mitluba minnu, u, fit-tieni lok, tvarja s-sentenza appellata billi tirrevokaha inkwantu cahdet iz-zewg talbiet tieghu, u, minflok, tilqa' l-istess talbiet, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimata appellata.

**3.** Min-naha taghha l-Korporazzjoni appellata talbet li kemm l-appell mid-digriet, kif ukoll l-appell mis-sentenza jigu michuda, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti, ghar-ragunijiet indikati minnha fir-risposta taghha.

**L-Appell mid-Digriet**

**4.** Fl-udjenza tat-22 ta' Mejju 2012 meta l-kawza kienet ser tigi differita ghal-ezami tan-nota tar-rikorrenti, ir-rikorrent Nicholas Spiteri talab li jigi awtorizzat jesebixxi zewg ittri li *"bi zvista"* ma kienux gew esebiti mal-affidavit

tieghu, kif ukoll jigi awtorizzat jesebixxi *"verzjoni ohra tar-rapport tal-pulizija nru.5/1/1653/2010 li hija differenti mid-dokumenti "H" a fol.107 u 108 tal-process."*

**5.** Min-naha tieghu, id-difensur tal-Avukat Generali, l-intimat l-iehor, oggezzjona li jitressqu dokumenti ulterjuri f'dak l-istadju meta l-provi tal-partijiet kienu kollha gew dikjarati maghluqa.

**6.** Il-Korporazzjoni intimata, filwaqt li assocjat ruhha mal-oggezzjoni tal-Avukat Generali, ziedet tghid li d-dokumenti inkwistjoni ma kellhomx relevanza mal-kwistjoni.

**7.** L-ewwel Qorti, wara li rat il-verbali tat-23 ta' Marzu 2011 u tad-19 ta' April 2012, u fid-dawl tal-oppozizzjoni mressqa mill-intimati, cahdet it-talba.

**8.** L-aggravju tar-rikorrent fir-rigward jikkonsisti fis-segwenti: [a] li l-Artikolu 145 tal-Kap.12 jippermetti l-prezentata ta' dokumenti sahansitra mar-rikors ta' Appell, mar-risposta ghal-Appell u mar-replika ghal Appell incidentali; [b] li l-Artikolu 147 sahansitra jippermetti li din il-Qorti tammetti dokumenti ohra, anke wara li jinbeda s-smiegh tal-kawza; [c] li n-nuqqas ta' produzzjoni ta' dawn id-dokumenti, konsistenti f'zewg ittri legali, wahda datata 23 ta' Awwissu 2006 u l-ohra 19 ta' Novembru 2007, kien rizultat ta' *"zvista li inholqot inkwantu kien hemm malintiz bejn ir-rikorrenti u l-avukat dwar liema korrispondenza kellha tigi ezebita."*; u, b'dawn id-dokumenti ma kien ser ikun hemm ebda sorpriza, stante li dawn l-ittri kienu gew skambjati bejn il-partijiet; u, [d] finalment, li rigward id-dokument l-iehor li huwa rapport tal-pulizija, jghid li *"dan huwa dokument ta' certu piz u mhux konsentit li jigi manipulat, irrispettivament minn x'raguni setghet wasslet ghal dan"*. B'dan id-dokument ir-rikorrenti jridu jsostnu t-tezi taghhom ta' diskriminazzjoni da parti tal-Korporazzjoni appellata.

**9.** Din il-Qorti tosserva li l-ittri li riedu jesebixxu r-rikorrenti jirrisalu, wahda ghas-sena 2006 u l-ohra ghas-sena 2007, u ghalhekk meta jigi kkunsidrat li t-talba saret

fl-udjenza tat-22 ta' Mejju 2012 meta huma kienu diga` ddikjaraw li ghalqu l-provi fit-23 ta' Marzu 2011[1], u meta l-kawza kienet waslet fl-istadju finali taghha, tant li f'dik l-udjenza l-kawza thalliet ghall-ezami tan-nota tar-rikorrenti, id-decizjoni tal-ewwel Qorti li ma tippermettix li jigu prodotti aktar provi, hija korretta stante li r-rikorrenti kellhom zmien u opportunita` ampja li jitolbu l-awtorizzazzjoni ghall-prezentata ta' dawn id-dokumenti meta l-istadju tal-provi ma kienx ghadu nghalaq. Dan japplika b'izjed qawwa ghad-dokument l-iehor, li r-rikorrenti ddeskrivew bhala *"verzjoni ohra"* tar-rapport tal-pulizija 5/1/1653/2010 li kien sar fid-29 ta' Ottubru 2010.

**10.** Jigi osservat li huwa d-dmir tal-qrati li ma jhallux li l-kawzi jitwalu bla bzonn, u talbiet bhal dawk maghmula mir-rikorrenti fl-istadju finali tal-kawza m'ghandhomx jintlaqghu, jekk mhux ghal raguni valida u gravi. Fil-kaz odjern ma ntweriex li tezisti raguni ta' din ix-xorta.

**11.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

**Il-Fatti**

**12.** Dawn huma sufficjentement delineati fis-sentenza appellata, li fil-parti relevanti taqra hekk:

"Illi bħala fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li r-rikorrrenti huma fil-pussess tal-fond bl-isem ta' "*Holy Family*", li jinsab fi Triq tal-Barrani, fiż-Żejtun, liema fond jikkonsisti f'numru ta' stabili li ma jintużawx kollha bħala fond domestiku[2]. Il-post kien mogħti servizz ta' elettriku "*three-phase*" sa mill-1993[3] bil-ħsieb li jintuża bħala stabiliment kummerċjali. Aktar 'il quddiem, f'dak il-garaxx ir-rikorrent Nicholas Spiteri kien iwettaq attivita' kummerċjali ta' manufattura ta' sinjali kummerċjali[4]. Kien mogħti wkoll tliet (3) servizzi "*single phase*" fil-biċċa tal-post li kien jintuża bħala r-razzett fejn għamlet żmien tgħix il-familja tar-rikorrenti u kif ukoll f'inħawi oħrajn[5]. Ir-

[1] Fol.110
[2] Ara Dok "JF1", f'paġ. 50 tal-proċess
[3] Dok "CFS1", f'paġġ. 172 – 182 tal-proċess
[4] Affidavit tiegħu 23.3.2011, f'paġ. 87 tal-proċess
[5] Xhieda ta' Peter Grima 28.6.2011, f'paġġ. 121 – 2 tal-proċess

rikorrent Nicholas Spiteri għadu jgħix fil-post sallum[6]. Billi l-post magħmul minn aktar minn binja waħda[7], kien sar xogħol li bih is-servizz tad-dawl mogħti fl-imsemmija remissa ttawwal ukoll għal binja oħra (waħda mir-remissi li kienet tintuża għal attivita' kummerċjali) li jinqdew biha r-rikorrenti. Iż-żewġ binjiet la jmissu ma' xulxin u lanqas jinfdu u hemm bħal wesgħa li tifraqhom. Fl-istess proprjeta' hemm linja tad-dawl pubblika tal-mixegħla tat-toroq[8] b'*recess box* għaliha[9]. Ir-rikorrenti jgħidu li ma kenitx tixgħel;

"Illi fid-29 ta' Marzu tal-2006[10] u kif ukoll b'ittra mibgħuta lil Enemalta fil-15 ta' Ġunju, 2006[11], tressaq ilment minn persuna dwar gumna ("*cable*") tal-elettriku li kienet taqsam min-naħa ta' quddiem tal-fond tar-rikorrenti għal ġo fond ieħor. Fit-23 ta' Ġunju, 2006[12]u fl-4 ta' Lulju[13], Enemalta wieġbet lill-avukat li bagħat dik l-ittra biex tgħarrfu li kienet sejra tistħarreġ l-ilment;

"Illi uffiċjali tal-Enemalta stħarrġu l-ilment u għal darbtejn tkellmu ma' persuna li qaltilhom li hija sid il-post biex iwissuha tneħħi l-"*extension*" li kienet saret għaliex kienet kontra r-regolamenti u wissewha wkoll li l-provvista kienet tinqata' jekk kemm-il darba dan ma jsirx. Jirriżulta li l-imsemmija uffiċjali kienu tkellmu mar-rikorrent Nicholas Spiteri. Ir-rikorrent kien mar jitkellem ma' xiħadd fl-amministrazzjoni (taqsima tal-konsumaturi) tal-Enemalta;

"Illi fit-3 ta' Awissu, 2006, uffiċjali ta' Enemalta marru fuq il-post, fil-kumpannija ta' uffiċjali tal-Pulizija, u qatgħu l-provvista tal-elettriku għall-istess post kummerċjali. Il-provvista tal-elettriku fil-parti residenzjali – li kienet mogħtija mis-sistema "*single phase*" – ma nqatgħetx. Minkejja dan, ir-rikorrenti kien ikollhom problemi minħabba l-arbli u l-gumni li jwasslu d-dawl sa dik il-parti ta' ħwejjiġhom[14];

---

6 Xhieda tiegħu 19.4.2012, f'paġ. 183 tal-proċess
7 Ara Dok "B" f'paġ. 94 tal-proċess
8 Xhieda ta' Ġorġ Portelli 27.10.2011, f'paġ. 129 tal-proċess
9 Xhieda ta' Joseph Formosa 15.2.2012, f'paġ. 160 tal-proċess
10 Dok f'paġ. 195 tal-proċess
11 Dok f'paġ. 196 tal-proċess
12 Dok "DD5", f'paġ. 116 tal-proċess
13 Dok "DD4", f'paġ. 115 tal-proċess
14 Dokti "F" sa "Ħ", f'paġġ. 104 – 9 tal-proċess

"Illi r-rikorrenti kienu ressqu lmenti mal-Enemalta li għarrfithom li, qabel ma tkun f'qagħda li terġa' tagħtihom is-servizz tat-"*three phase*", riedu jneħħu l-estensjoni li saret skond ma jitolbu r-Regolamenti fis-seħħ[15]. Ir-rikorrenti kienu ressqu l-każ tagħhom quddiem l-Ombudsman ukoll;

"Illi l-kawża nfetħet f'Ottubru tal-2008;"

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

**13.** L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha li tichad it-talbiet tar-rikorrenti, wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet relevanti ghal dan l-appell:

"Illi f'dak li jirrigwarda l-**ilmenti tar-rikorrenti fil-mertu** l-Qorti tagħraf li l-egħmil waħdani li wassal għall-azzjoni tagħhom kien il-qtugħ tal-provvista tal-elettriku. Dwar dan l-egħmil, huma jisiltu lment ta' ksur ta' ħames (5) jeddijiet fundamentali, u jiġifieri (i) il-jedd għall-ħarsien minn trattament inuman (art. 36 tal-Kostituzzjoni); (ii) il-jedd ta' ħarsien minn ċaħda ta' proprjeta' bla kumpens xieraq (art. 37 tal-Kostituzzjoni) u għat-tgawdija bil-kwiet tal-pussess tal-proprjeta' (art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni); (iii) il-jedd tal-ħarsien għall-intimita' tad-dar jew ta' ġid ieħor (art. 38 tal-Kostituzzjoni u l-art. 8 tal-Konvenzjoni); (iv) il-jedd għal smigħ xieraq (art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni); u (v) il-jedd li persuna ma ssirx diskriminazzjoni magħha (art. 45 tal-Kostituzzjoni u l-art. 14 tal-Konvenzjoni);

"Illi l-Qorti tinnota li fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom, ir-rikorrenti naqsu li jgħidu kif l-għamil ta' Enemalta wassal għall-ksur tal-jeddijiet fundamentali minnhom imsemmija. Sar biss kumment dwar trattament differenti li ngħata ħaddieħor u kumment ieħor dwar in-nuqqas ta' twissija formali minn qabel li l-provvista kienet sejra tinqata' u li b'hekk ċaħħdithom milli jkunu ressqu l-ilment tagħhom quddiem tribunal imparzjali. Il-biċċa l-kbira mis-

[15] Xhieda tar-rikorrent Nicholas Spiteri 19.4.2012, f'paġ. 192 tal-proċess

sottomissjonijiet kienet iffokata dwar l-arbitrarjeta' tal-mod kif l-Enemalta mxiet mar-rikorrenti meta qatgħetha li taqta' l-provvista tal-elettriku, mal-kwestjoni ta' min hu sid l-ambjenti milquta b'dik id-deċiżjoni u mill-ġrajja li seħħew wara l-qtugħ tal-provvista. Din iċ-ċirkostanza semmewha wkoll, b'raġun, l-intimati fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom[16];

" - - omissis - -

"Illi r-rikorrenti naqsu li juru kif il-qtugħ tal-provvista tal-elettriku f'banda waħda minn ħwejjiġhom tista' titqies bħala trattament inuman jew degradanti. Il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li tali qtugħ ħalaq xi skumdita' jekk mhux ukoll waqfien ta' attivita' kummerċjali li r-rikorrent Nicholas Spiteri kien iwettaq fil-fond li kien provdut mis-servizz tal-elettriku li nqata'. Iżda dan lanqas jista' jixxebbah ma' dawk iċ-ċirkostanzi li l-qrati sabu li tassew jiksru l-artikolu rilevanti tal-Kostituzzjoni. Il-proċess tal-qtugħ tal-provvista tal-elettriku ma nvolva bl-ebda mod it-tħaddim ta' forza fiżika jew morali fuq l-ebda wieħed mir-rikorrenti u lanqas ġab miegħu xi swat, korriment jew drib tagħhom. Il-preżenza tal-Pulizija hu u għaddej il-proċess tal-qtugħ tal-provvista ma jidhirx lanqas li nissel twerwir jew biżgħa, iżda, għall-kuntrarju, serva biex inżammet il-bonordni. Minbarra dan, ir-rikorrenti naqsu li juru li l-qtugħ tal-provvista tal-elettriku kienet motivata mill-fehma pożittiva li tumilja jew baxxi lir-rikorrenti, jew lil min minnhom, ukoll jekk in-nuqqas ta' fehma pożittiva bħal din mhux tabilfors telimina l-possibilta' ta' ksur tal-jedd fundamentali hekk imħares;

"Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrenti naqsu li juru li huma ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom li ma jkunux suġġetti għal trattament degradanti u għalhekk l-ilment tagħhom safejn mibni fuq din il-kawżali m'huwiex sejjer jintlaqa';

"Illi dwar il-jedd għall-ħarsien minn ċaħda ta' proprjeta' bla kumpens u għat-tgawdija bil-kwiet tal-possedimenti r-

[16] §§ 44 – 7 tan-Nota ta' Sottomissjonjiet, f'paġ. 216 tal-proċess

rikorrenti joqogħdu kemm fuq l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll fuq l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

"- - omissis - -

"Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-egħmil li minnu jilmintaw ir-rikorrenti ma ħa xejn mill-ġid tagħhom. L-egħmil tal-Enemalta kien jikkonsisti fil-qtugħ tal-provvista tal-elettriku f'parti mill-post tar-rikorrenti. Jiġifieri, l-ilment tar-rikorrenti jirreferi għal twaqqif ta' servizz pubbliku li jista' jolqot il-mod kif ir-rikorrenti jinqdew bi ħwejjiġhom;

"Illi l-Qorti taqbel mal-intimati li l-għoti ta' servizz minn entita' pubblika ma jnissilx jedd ta' proprjeta' fl-abbonat jew benefiċjarju ta' servizz bħal dak. Minbarra dan, l-għoti ta' servizz bħal dak isir taħt kundizzjonijiet li jridu jitħarsu u li jistgħu jkunu determinati jew stabiliti b'liġi jew bi strument legali b'saħħa ta' liġi. Fil-każ tal-provvista ta' servizzi bħalma huma l-elettriku u l-ilma, dawn jingħataw fuq bażi kuntrattwali b'rabtiet kemm fuq min jipprovdihom u wkoll fuq min jabbona għalihom. Il-ksur ta' xi rabta minn xi waħda mill-partijiet tnissel fil-parti l-oħra l-jedd għal rimedju, magħdud il-ħlas ta' kumpens jew penali;

"Illi l-Qorti għalhekk tqis li l-ilment tar-rikorrenti jrid jitqies safejn il-qtugħ tal-provvista tal-elettriku setgħet laqtet it-tgawdija paċifika ta' ħwejjiġhom. Irid jerġa' jingħad li l-Enemalta ma qatgħetx il-provvista tal-elettriku tal-bnadi kollha tal-post tar-rikorrenti, iżda biss tar-remissa li fiha kien hemm stallat il-*meter* tat-"*three-phase*" u r-remissa l-oħra li d-dawl fiha kien twassal mill-fergħa ("*extension*") li r-rikorrenti għamlu mill-ewwel remissa. Kien sewwasew minħabba din il-fergħa li l-Enemalta, fuq ilment minn terzi, talbet lir-rikorrenti biex ineħħu l-fergħa "abbużiva" biex ma jkunx meħtieġ li jittieħed il-provvediment tal-qtugħ tal-provvista;

"Illi l-provvedimenti tal-artiklu tal-Kostituzzjoni jidher li jitkellmu dwar it-**teħid** ta' pussess b'mod obbligatorju u mhux dwar xi għamla oħra ta' tnaqqis tal-istess pussess. Kif ingħad f'dan ir-rigward u bi tqabbil mal-ħarsien li jagħti l-artikolu relattiv taħt il-Konvenzjoni, dan ifisser li biex ikun

hemm tneħħija jew privazzjoni tal-proprjeta' jeħtieġ jintwera li din tkun seħħet b'effett dirett ta' xi għamil tal-istat u li ma jkunx biżżejjed li jkun hemm indħil jew ċaħda tad-dritt tad-dgawdija paċifika tal-istess proprjeta' bħala rifless ta' għamil bħal dak[17]. Minbarra dan, ikun seħħ ksur tal-artikolu 37 jekk kemm-il darba t-teħid tal-pussess ma jkunx akkumpanjat bi ħlas ta' kumpens xieraq u jekk dak it-teħid ma jkunx imħares b'liġi u l-persuna li tippretendi kumpens għal teħid bħal dak ma jkollhiex rimedju quddiem qorti, ukoll b'jedd ta' appell;

"Illi, min-naħa l-oħra, l-artikolu relattiv tal-Konvenzjoni jidher li jagħti firxa usa' ta' ħarsien, billi jirreferi għal "pussess" u mhux tabilfors għal "proprjeta'" u billi wkoll jaqbad fih indħil fit-tgawdija ta' possedimenti u mhux biss it-teħid tagħhom mingħand min ikun qed igawdihom.

"- - omissis - -

"Illi mill-provi li tressqu, dak li wassal lil Enemalta biex taqta' l-provvista tal-elettriku tal-*garage* tar-rikorrenti kien il-fatt li, minn ġo dak il-*garage* inħarġet fergħa biex tipprovdi l-elettriku ġo remissa oħra qrib. Dan il-fatt Enemalta saret taf bih minħabba lmenti li ressaq xiħadd li l-fergħa kienet għaddejja minn fuq ambjent li huwa tiegħu. Ħareġ ċar ukoll li l-fergħa saret minn *electrician* imqabbad mir-rikorrenti[18]. L-istess provi juru li funzjonarji tal-Enemalta wissew lir-rikorrent biex ineħħi l-fergħa u li, fin-nuqqas, il-provvista kienet tinqata'. Ir-rikorrenti jmieru l-allegazzjoni tat-terz li ressaq ir-rapport, jisħqu li l-fergħa u ż-żewġ remissi jinsabu fi ħwejjiġhom. Enemalta tqis ukoll li, ladarba fil-post hemm aktar minn *meter* wieħed u hemm ukoll dawl li jintuża biex jixgħel it-toroq, dak l-imkien m'huwiex post privat imma post pubbliku. Fuq kollox, l-Enemalta tqis li dak li wassalha biex taġixxi u taqta' l-provvista kien stat "illegali" maħluq mir-rikorrenti. Hija tgħid li nqdiet bis-setgħa mogħtija lilha bir-regolament 32 tar-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Elettriku[19]. Ir-rikorrenti jgħidu li l-Enemalta ħaddmet ħażin l-imsemmi regolament

---

[17] Kost. **30.4.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Mintoff et vs Onor. Prim Ministru*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.206**) u Kost. **30.11.2001**fil-kawża fl-ismijiet ***Galea et vs Briffa et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.540**)
[18] Affidavit tar-rikorrent Nicholas Spiteri, f'paġ. 88 tal-proċess
[19] A.L. 233/1940 (L.S. 423.01)

u ma qisitx sewwa l-eċċezzjonijiet li jissemmew fih u li ma kienu jwasslu qatt biex il-fergħa mgħoddija kienet titqies bħala abbużiva;

"Illi l-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tibdel il-konsiderazzjonijiet tagħha f'din il-kawża fi stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv. Tħoss li għandha tiffoka biss fuq l-aspetti ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali li r-rikorrenti ġabulha quddiemha. B'żieda ma' dak li ssemma qabel, għandu jingħad li meta qorti tiġi biex tqis jekk kemm-il darba kienx hemm indħil fit-tgawdija tal-possedimenti tal-persuna, jrid jitqies ukoll l-element tal-proporzjonalita' tal-istess egħmil mal-interessi tal-persuna u l-ħarsien tal-jedd fundamentali tiegħu. Kemm hu hekk, dan tqies li jfisser li "*there must be a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised by any measure depriving a person of his possessions*"[20];

"Illi l-intimati donnhom jistqarru li l-qtugħ tal-provvista tal-elettriku tabilħaqq ġabet tnaqqis fil-mod kif ir-rikorrenti jistgħu jinqdew bi ħwejjiġhom, iżda jgħidu li bil-mezzi disponibbli llum il-ġurnata, l-provvista tal-elettriku tista' tinkiseb b'meżżi oħrajn li mhux tabilfors ikun dak provdut mill-Enemalta. F'kull każ, jekk kemm-il darba wieħed jasal biex jara fl-egħmil tal-Enemalta xi għamla ta' ndħil fit-tgawdija tal-ħaġa, dan l-indħil ma kienx wieħed dejjiemi u sata' jintemm minnufih jekk kemm-il darba r-rikorrenti jottemperaw irwieħhom mar-regolamenti fis-seħħ;

"Illi l-Qorti tqis li ma hemm l-ebda dubju li l-qtugħ tal-provvista tal-elettriku min-naħa tal-Enemalta ġabet bidla fil-mod kif ir-rikorrenti, jew min minnhom, kienu jinqdew b'dik il-parti tal-post li kien jieħu d-dawl minn dik il-provvista. Kemm hu hekk, mill-provi ħareġ li dak il-post kien għal żmien jintuża għal attivita' kummerċjali li, mal-qtugħ tal-provvista, kellha titwaqqaf. Min-naħa l-oħra, mill-provi ħareġ li l-ewwel persuna li talab u kiseb is-servizz tad-dawl f'dik ir-remissa ma kien ħadd mir-rikorrenti, imma persuna barranija li kienet tinqeda bil-

[20] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak op. cit, § 17.4.2, f'paġ. 881

post. Meta dik il-persuna ħalliet il-post u r-rikorrent dawwar l-abbonament tal-*meter* fuq ismu, mbagħad żied il-fergħa biex iwassal il-provvista għal ġo remissa oħra fil-qrib bla ma avża lil Enemalta. Dan sar b'nuqqas ta' tħaris ta' dak li jipprovdi r-regolament 14 tar-Regolamenti fis-seħħ u li jagħti lil Enemalta l-jedd li taqta' s-servizz[21]. Ir-rikorrenti jisħqu li, ladarba dan sar fi ħwejjiġhom stess, ma kien hemm l-ebda ksur u ma kellhom jitolbu l-permess tal-ebda provditur;

"Illi l-Qorti qiegħda tqis ukoll li mill-provi ħareġ ċar li qabel ma nqatgħet il-provvista, r-rikorrenti kienu mwissija x'kien hemm li l-Enemalta ma kenitx qiegħda tippermetti, u ħareġ ukoll li l-istess Enemalta tat lir-rikorrenti rimedji possibbli li, madankollu, baqgħu jwebbsu rashom u ma għamluhomx[22]. Meta r-rikorrent kien qiegħed jagħti x-xhieda tiegħu fil-kontro-eżami, qal saħansitra li kien se' jitlob huwa stess li titneħħa s-sistema tal-elettriku li ma nqatgħetx[23]. L-għaref difensur tar-rikorrenti, waqt it-trattazzjoni tal-każ, saħaq li l-klijenti tiegħu ma kinux mgħarrfin formalment bid-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti qabel ma nqatgħet il-provvista. Dan ma jġibx ksur tal-jeddijiet tagħhom, għaliex dak li mxiet fuqu l-Enemalta huma provvedimenti ta' liġi li, huwa meqjus, huma magħrufa u n-nuqqas ta' għarfien tagħhom m'huwiex ġustifikazzjoni biex ma jitħarsux;

"Illi, fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser li jekk sar xi ndħil fil-mod kif ir-rikorrenti setgħu jgawdu ħwejjiġhom, dan seħħ fil-qafas ta' dispożizzjonijiet ta' liġi u biex jinżamm il-ħarsien tar-rekwiżiti stabiliti għall-għoti ta' servizz u li l-miżuri meħuda kienu jwieżnu dawn il-ħtiġijiet mal-jeddijiet tar-rikorrenti;

"Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrenti ma ġarrbux ksur u la tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u lanqas tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u għalhekk, safejn it-talbiet

---

[21] Ara reg 30 tal-A.L. 233 tal-1940 kif emendat
[22] Xhieda ta' Ġorġ Portelli 27.10.2011, f'paġ. 131 tal-proċess
[23] Xhieda tiegħu 19.4.2012, f'paġ. 190 tal-proċess

tagħhom jinbnew fuq dawn id-dispożizzjonijiet, m'humiex sejrin jintlaqgħu;"

**14.** Illi dwar il-jedd ghall-harsien tal-intimita` tad-dar jew gid iehor, l-ewwel Qorti wara li ghamlet osservazzjonijiet ta' natura legali dwar l-Artikolu 38[1] tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

"Illi l-Qorti, b'żieda mas-sottomissjonijiet magħmulin mill-intimati f'dan ir-rigward[24], tqis li xejn minn dak li wettqet l-Enemalta ma jista' jitqies li laqat il-jedd tar-rikorrenti għall-privatezza ta' darhom. Il-qtugħ tal-provvista ma kienx jolqot il-parti fejn jgħixu (jew min minnhom kien jgħix hemm). L-istħarriġ u l-operazzjoni tal-qtugħ tal-provvista tal-elettriku għar-remissa ma sarx fuq ġewwa imma barra fil-beraħ. Ma ntmess xejn minn ġod-dar tar-rikorrenti biex il-provvista nqatgħet, għaliex kulma sar kien li nqatgħu l-konnessjonijiet mal-linji ta' barra mis-*service box* li kienet imwaħħla ma' arblu tad-dawl. Fuq kollox, il-jedd ta' spezzjoni mqar fi djar privati huwa setgħa mogħtija lill-Enemalta bil-liġi[25] fiċ-ċirkostanzi hemm maħsuba. F'dan ir-rigward ukoll, il-Qorti terġa' tirreferi għad-dispożizzjoni relattiva tal-artikolu 38(2) tal-Kostituzzjoni;

"Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrenti ma ġarrbux ksur u la tal-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u lanqas tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, u għalhekk, safejn it-talbiet tagħhom jinbnew fuq dawn id-dispożizzjonijiet, m'humiex sejrin jintlaqgħu;

"Illi dwar il-jedd għal smigħ xieraq r-rikorrenti jgħidu li l-ksur seħħ għaliex, qabel ma Enemalta għaddiet biex qatgħet il-provvista tal-elettriku għal ħwejjiġhom, ma ngħatalhomx pre-avviż formali u, wisq anqas, smigħ xieraq quddiem tribunal indipendenti u imparzjali biex jaqtagħha jekk kienx hemm tassew ksur jew stat ta' illegalita' min-naħa tagħhom fl-użu li kienu qegħdin jagħmlu mis-servizz provdut lilhom mill-istess Korporazzjoni. Huma jibnu l-ilment tagħhom kemm fuq l-

[24] §§ 106 – 9 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet, f'paġ. 229 tal-proċess
[25] Ara reg. 83 tal-A.L. 233/1940 (L.S. 423.01)

artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u kif ukoll fuq l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni;

“- - omissis - -

“Illi biex jingħad li jkun hemm ksur ta’ jedd għal smigħ xieraq jeħtieġ, qabel kull ħaġ’oħra, li jkun hemm proċeduri “għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta’ drittijiet jew obbligi ċivili” li mingħajrhom ma jitnissilx il-ħarsien tad-dispożizzjonijiet relativi tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni. Il-Qorti taqbel mal-intimati li l-kwestjoni li qamet bejn ir-rikorrenti u l-Enemalta m’hijiex sewwasew waħda li tirrigwarda drittijiet jew obbligi ċivili kif mifhuma f’dan il-qasam ta’ jeddijiet fundamentali, iżda kwestjoni amministrativa li wasslet għal egħmil imwettaq minn enti pubbliku, imma mhux minn tribunal jew qorti. F’dan il-każ, l-Enemalta ħadet il-passi li dehrilha minn rajha u bla ma ħadet xi awtorizżazzjoni minn xi korp b’setgħat jew funzjonijiet “ġudizzjarji”, u għalhekk qajla jista’ jingħad li, sa dak il-ħin, daħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

“Illi jekk, min-naħa l-oħra, l-ilment tar-rikorrenti kien fis-sens li ma ngħatawx rimedju biex il-kwestjoni tinqata’ quddiem qorti imparzjali u indipendenti qabel ma nqatgħet il-provvista tal-elettriku, din il-Qorti tosserva li żgur ma jistax jingħad li r-rikorrenti ġarrbu ksur tal-jedd għal smigħ xieraq minħabba nuqqas ta’ aċċess għal qorti jew tribunal. Ir-rikorrenti kienu ngħataw pre-avviż u twissija minn xhur qabel biex jirrimedjaw il-qagħda li l-Enemalta ma kenitx kuntenta biha, kif ukoll tal-konsegwenzi f’każ li jibqa’ ma jitneħħiex dak l-istat. Minbarra dan, tul dan iż-żmien kollu, ma ntweriex li r-rikorrenti irrikorrew għal proċeduri kawtelatorji quddiem il-Qrati li b’kull ħeffa kienu disponibbli għalihom jekk kemm-il darba kienu jħossu li d-deċiżjoni u s-sanzjonijiet mhedda mill-Enemalta ma kenux skond il-liġi u l-ħaqq. Kien hemm rimedji ġudizzjarji oħrajn ukoll li r-rikorrenti setgħu ħadu, iżda għar-raġuni tagħhom ma rrikorrewx għalihom u sentejn wara l-ġrajja fetħu din il-kawża. Il-Qorti ma tistax toqgħod fuq ix-xhieda tar-rikorrent Nicholas Spiteri li jgħid li “xiħadd” fit-Taqsima tal-konsumaturi tal-Enemalta kien serraħlu moħħu li sakemm

ma jirċevix xi ħaġa bil-miktub, ma kellux iħabbel rasu dwar xi miżuri li l-korporazzjoni setgħet tieħu. Hemm provi li wieħed iżjed jista' aktar joqgħod fuqhom li jmieru dak li xehed ir-rikorrent;

"Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrenti ma ġarrbux ksur u la tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u lanqas tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, u għalhekk, safejn it-talbiet tagħhom jinbnew fuq dawn id-dispożizzjonijiet, m'humiex sejrin jintlaqgħu;

"Illi, fl-aħħarnett, dwar il-jedd li persuna ma ġġarrabx egħmil diskriminatorju bi ħsara għaliha din il-Qorti ma tarax għalfejn għandha tidħol f'eżami mirqum tad-dispożizzjonijiet li jinvokaw ir-rikorrenti – jiġifieri l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Dan qiegħed jingħad għaliex ir-rikorrenti ma ġabu l-anqas l-iċken ħjiel ta' prova dwar l-allegazzjoni tagħhom li l-Enemalta mxiet magħhom b'diskriminazzjoni, jew b'mod li mxiet mod ieħor ma' ħaddieħor fl-istess qagħda tagħhom. Minbarra dan, lanqas biss taw ħjiel dwar liema waħda mill-kawżali maħsuba fl-artikolu 45(3) huma jqisu li saret magħhom l-allegata diskriminazzjoni;

**15.** Fir-rigward, l-ewwel Qorti, wara li ghamlet rassenja tal-principji jdentifikati mill-kazistika patria u dik Ewropeja, kif ukoll mid-dottrina, ikkonkludiet li:

"Illi meta jitqiesu dawn il-konsiderazzjonijiet kollha u jqegħidhom fil-qafas tal-provi mressqa mir-rikorrenti, wieħed malajr jasal għall-fehma li l-ilment tagħhom dwar imġiba diskriminatorja fil-konfront tagħhom m'huwiex imsejjes u pruvat. Għalhekk ukoll il-Qorti ma ssibx li t-talba tar-rikorrenti għal sejbien ta' ksur ta' jedd fundamentali taħt l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni jmissha tintlaqa';"

## L-Appell mis-Sentenza

**16.** Ir-rikorrenti qed jibbazaw l-appell taghhom fuq tliet aggravji li jirrigwardaw: [1] id-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti kif sancit fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll

tal-Konvenzjoni; [2] id-dritt ghal smigh xieraq; u [3] id-dritt ghall-protezzjoni minn diskriminazzjoni.

**17.** Fl-ewwel lok, u ghall-ahjar intendiment tal-gudizzju odjern, huwa opportun li din il-Qorti taghti profil dwar l-aspett fattwali tal-vertenza bejn il-partijiet.

**18.** Ir-rikorrenti jsostnu li l-estensjoni tal-*cable* li huma ghaddew minn binja [markata bin-numru C fuq il-pjanta[26]] ghal binja ohra [markata bin-numru F fuq l-istess pjanta], liema binja ma jinfdux, kienet konformi mal-ligi, stante li skont huma l-art kienet proprjeta` taghhom u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li jaghmlu *meter* separat ghall-ahhar binja li kienet qeghda tircievi d-dawl mill-ewwel wahda. Huma pero` naqsu milli jipprezentaw id-dokumenti li jipprovaw it-titolu taghhom, u meta, matul il-kontro-ezami, ir-rikorrent Nicholas Spiteri gie mistoqsi dwar it-titolu tieghu, huwa rrisponda *"Hemm il-kuntratt, imma qeghdin il-Qorti biex isir ix-xoghol fuqhom[27]……. Il-kuntratt igibu min qed jaghmel l-ilment….."[28]*

**19.** Min-naha taghha l-Korporazzjoni ssostni li, ladarba l-binja fl-inhawi ghandhom *meter* separat, hlief ghal binja F, li qed tiehu d-dawl minn binja ohra, ladarba fl-inhawi hemm arblu tal-Korporazzjoni li jaghti *street lightning*, ladarba r-rikorrenti naqsu li jipprezentaw kuntratt li juri li dawk l-inhawi huwa proprjeta` taghhom, u ladarba kien hemm ilment minn terz fis-sens li l-*cable* kien ghaddej minn quddiem *garage* uzat minnu b'mod li allura kien jirrestringilu l-uzu tal-*garage*, allura, skont il-Korporazzjoni ghandha tipprevali l-prezunzjoni, li l-inhawi mhux kollu proprjeta` tar-rikorrenti.

**20.** Jirrizulta wkoll li, wara li kien inqata' s-servizz, u bi sforz sabiex tintlahaq soluzzjoni, il-Korporazzjoni kienet qalet lir-rikorrenti Nicholas Spiteri li, jekk huwa minnu li l-inhawi kien kollu proprjeta` tieghu, allura setghu jaghlqulu l-*meters* kollha fil-binjiet li kien hemm, u jwahhlu *meter*

---

[26] Fol.94
[27] Fol.186
[28] Fol.187

wiehed vicin il-grada tad-dhul li minnu r-rikorrenti setghu jiehdu d-dawl ghal binijiet kollha li ghandhom. Izda r-rikorrenti rrifjutaw din il-proposta, u qalu li ma kienux lesti li jhallsu sittin Lira Maltin (Lm60) biex jigi nstallat dan il-*meter*.

**21.** Jirrizulta wkoll li l-Korporazzjoni kienet issugeriet lir-rikorrenti li bejn iz-zewg binjiet issir struttura permanenti [bhal arkata] li minnha jghaddi l-*cable* inkwistjoni, u dan biex tigi konformi mar-regolament numru 4[6][29] **tar-Regolamenti dwar il-Provvista fuq tal-elettriku.**[30] Izda anke din il-proposta ma kinitx giet accettata mir-rikorrenti li baqghu jsostnu li ma kien hemm bzonn isir xejn peress li l-binijiet kienu sitwati fil-proprjeta` taghhom.

*L-ewwel aggravju*

**22.** Fis-succint, dan l-aggravju gie mfisser hekk.

**23.** L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-konvenzjoni jipprotegi mhux biss kontra t-tehid forzuz tal-pussess, izda jestendi ghat-tfixkil fit-tgawdija pacifika ta' dak il-pussess fis-sens li persuna ma tkunx tista' tuza' l-proprjeta` jew il-possediment taghha. Jghidu li, ghalhekk, il-qtugh da parti tal-Korporazzjoni appellata tas-servizz tad-dawl, li llum huwa wiehed essenzjali sabiex individwu jaghmel uzu mill-proprjeta` tieghu, ghandu jitqies bhala abbuziv jekk dan isir minghajr raguni valida u gravi. Jghidu li *"tkun provdut bl-ilma tal-vit, konnessjoni tad-drenagg, u bl-elettriku sar dritt tal-individwu marbut ma' proprjeta` fissa*".

**24.** Fil-meritu, l-appellanti jghidu li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi meta waslet ghall-konkluzjoni li l-qtugh tas-servizz tal-elettriku kien sar fil-parametri legali, u cioe` sabiex jigi mwaqqaf stat ta' illegalita` mahluq mir-rikorrenti meta minn *garage* hargu fergha sabiex jaghti dawl lil *garage* iehor fl-istess

[29] Dan ir-regolament jaqra hekk: "4(6) Servizz ta' elettriku wiehed jigi installat go djar, appartamenti, fabbriki, lukandi, hwienet, ufficji u bini iehor li fizikament jinfdu minn gewwa, jekk ma jkunx hemm il-permess tac-Chairman bil-miktub."
[30] Legislazzjoni Sussidjarja 423.01

proprjeta` izda f'ambjent separat. Jilmentaw li l-ewwel Qorti, filwaqt li accettat bhala veritier dak li qalu x-xhieda tal-Korporazzjoni, skartat ix-xhieda tar-rikorrenti Nicholas Spiteri li minn naha tieghu jichad li kien hemm ksur tar-regolamenti kif allegat mill-Korporazzjoni appellata.

**25.** Huma jichdu li huma kienu gew imwissija tliet darbiet mill-impjegati tal-Korporazzjoni li fuq il-post fit-tliet okkazzjonijiet separati. Jghidu li, inizjalment huma akkuzaw lir-rikorrenti b'serq ta' dawl, izda eventwalment bdew joggezzjonaw ghall-estenzjoni maghmula minnu peress li skont huma kienet perikoluza. Kien hemm nuqqas ta' koerenza ta' x'kien hemm hazin li jimmerita l-qtugh tal-elettriku.

**26.** Ir-rikorrenti jghidu li s-soluzzjonijiet alternattivi proposti minn naha tal-Korporazzjoni saru wara li ghadda zmien twil u *"l-istess soluzzjonijiet alternattivi juru li l-oggezzjonijiet ma kienux reali imma pretesti biex jinheba l-fatt li l-provvista tad-dawl kkienet inqatghet fuq ragunijiet zbaljati."*

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

**27.** Fl-ewwel lok jigi osservat li, ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax leggerment il-konkluzjonijiet li waslet ghalihom l-ewwel Qorti, jekk ma jirrizultax xi zball manifest li minhabba fih parti jew ohra fil-kawza tkun ser issofri ingustizzja.

**28.** Fil-kaz prezenti, l-ewwel Qorti semghet ix-xhieda kollha *viva voce*, inkluz il-kontro-ezami tar-rikorrenti Nicholas Spiteri ghall-affidavit prezentat minnu, u ghalhekk kienet fl-ahjar pozizzjoni li taghmel apprezzament korrett tal-fatti u tasal ghal konkluzjoni taghha dwar liema verzjoni tqis bhala veritiera, jew liema fatti tikkunsidra bhala sodisfacentement provati. Inoltre, din il-Qorti, wara ezami akkurat tal-provi, hija tal-fehma li l-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti kien wiehed korrett, u ma hemmx raguni valida ghaliex dan ghandu jigi disturbat.

**29.** Ferm il-premess, din il-Qorti tqis bhala sodisfacentement provat il-fatt li qabel ma l-Korporazzjoni qatghet is-servizz tal-elettriku fil-binjiet inkwistjoni, ir-rikorrent Nicholas Spiteri kien gie avzat tliet darbiet f'tliet okkazzjonijiet separati sabiex inehhi dak li huwa kien ghamel minghajr permess tal-Korporazzjoni bi vjolazzjoni tar-regolamenti, u b'hekk jirregolarizza l-pozizzjoni tieghu. Izda huwa baqa' jwebbes rasu, u minkejja li ma wera ebda prova dokumentali tat-titolu reklamat minnu, halla kollox kif kien.

**30.** Fic-cirkostanzi, u tenut ukoll kont tal-fatt li, qabel ma sar ix-xoghol tal-estenzjoni tal-fergha da parti tar-rikorrenti, ma gietx informata l-Korporazzjoni kif jitlob ir-regolament 29[31], u wkoll li x-xoghol tal-estenzjoni sar mill-istess rikorrenti kontra r-regolament 14 li jiddisponi li estenzjonijiet tad-dawl ghandhom jitwahhlu biss mill-Enemalta, ma jistax validament jinghad li l-Korporazzjoni agixxiet b'mod illegali u abbuziv. Ukoll, ir-regolament 32 jaghti s-setgha lill-Korporazzjoni li twaqqaf il-provvista tal-elettriku fil-kaz ta' xoghol li jkun sar bi ksur tar-regolamenti.

**31.** Inoltre, lanqas jista' jinghad li l-azzjoni tal-Korporazzjoni fixklet it-tgawdija pacifika tar-rikorrenti tal-binjiet inkwistjoni. L-ewwel nett ghax l-istess appellata ma hadet xejn mill-gid li kellhom ir-rikorrenti, u ma imponiet ebda restrizzjoni fuq l-uzu u tgawdija ta' dawn il-fondi. Dak li ghamlet kien li qatghet is-servizz tad-dawl provdut minnha fuq bazi kontrattwali ghax, fil-fehema taghha, ir-rikorrenti kien qed jagixxi in vjolazzjoni tar-regolamenti fuq imsemmija. Jigi osservat li l-provvista tal-kurrent elettriku da parti tal-Korporazzjoni mhuwiex dritt assolut, izda huwa soggett ghar-**Regolamenti dwar il-Provvista fuq ta' Elettriku,** u ghalhekk, kemm min qed jipprovdi l-elettriku,

[31] Dan ir-regolament jaqra hekk: "29. Enemalta ghandha tigi mgharrafa minnufih b'kull tibdila jew zieda ta' xoghol li ssir f'impjant wara t-test ta' Enemalta; u l-impjant li fih ikun sar dan it-tibdil jew zieda jkun suggett ghall-kondizzjonijiet imsemmijin fir-regolament 27."

kif ukoll min qed jircievi s-servizz, ghandhu l-obbligu li jhares l-obbligi imposti minn dawn ir-regolamenti.

**32.** Fit-tieni lok, anke jekk *dato non concesso* l-qtugh tas-servizz tal-elettriku fiz-zewg binijiet inkwistjoni kellu b'xi mod jitqies bhala interferenza fit-tgawdija taghhom, xorta wahda ma tikkonfigurax lezjoni tad-dritt fundamentali skont l-artikolu precitat tal-konvenzjoni, u dan stante li l-mizura li hadet il-Korporazzjoni ma tistax titqies bhala *"a disproportionate and excessive burden"* [32]fuq ir-rikorrenti. Dan qed jinghad, kemm ghax il-mizura hija wahda temporanja, u cioe` sakemm ir-rikorrenti jiddeciedu li jirregolarizzaw il-pozizzjoni taghhom anke bil-proposti maghmula lilhom mill-Korporazzjoni, kif ukoll ghax qabel mal-Korporazzjoni hadet il-mizura r-rikorrenti kienu gew mitluba f'tliet okkazzjonijiet separati sabiex inehhu l-estenzjoni maghmula minnhom u gew mgharrfa bil-konsegenzi fil-kaz li dawn jibqghu inadempjenti. Barra minnhekk hemm il-konsiderazzjoni li estenzjoni mhux awtorizzata tista' tkun ta' perikolu, u ghalhekk il-mizura kienet flokha.

**33.** Finalment din il-Qorti tistqarr li hija perplessa bl-atteggjament tar-rikorrenti li webbsu rashom, billi filwaqt li sostnew konsistentement li huma kienu proprjetarji tal-fond kollu u ghalhekk kienu konformi mar-regolamenti ma pproducew ebda prova dokumentali.

**34.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fic-cirkostanzi manifestament infondat.

*It-tieni aggravju*

**35.** Dan hu fis-sens li r-rikorrenti ma nghatawx smigh xieraq qabel ma l-Korporazzjoni ghaddiet biex taqta' l-provvista tal-elettriku. Huma jsejjsu dan l-aggravju fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 6[1] tal-Konvenzjoni.

**36.** Jghidu li fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti hadet il-pozizzjoni li l-kwistjoni li qamet *"bejn ir-rikorrenti u l-*

[32] ECHR **Hutten Czapyushs v. Poland**, deciza 19 Gunju 2006. para.166

*Enemalta m'hijiex sewwasew wahda li tirrigwarda drittijiet jew obbligi civili kif mifhuma f'dan il-qasam ta' jeddijiet fundamentali, izda kwistjoni amministrattiva."* Dan jikkuntrasta ma' dak li kienet ikkonkludiet l-istess Qorti fis-sentenza preliminari taghha tat-23 ta' Lulju 2009 li r-rikorrenti kellhom ragun jirrikoru ghal azzjoni ta' natura kostituzzjonali.

**37.** La darba l-ewwel Qorti accettat il-fatt li l-qtugh tal-elettriku jista' jfixkel id-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta`, allura l-kwistjoni dwar il-qtugh tad-dawl tinvolvi drittijiet civili u obbligi ta' natura ta' jedd fundamentali. Ghalhekk it-tnehhija ta' dan id-dritt ma jistax isir b'mod arbitrarju jew amminsitrattiv *"imma jehtieg li jkun deciz f'qafas li jirrispetta l-principji tal-gustizzja naturali, u cioe` tal-audi alteram partem u tan-nemo iudex in causa propria".*

**38.** Huma mhux biss ma nghatawx avviz car ta' x'kienu l-akkuzi kontrihom, izda r-rikorrent Nicholas Spiteri inghata widen dwar x'kellu xi jghid biss wara li l-provvista tal-elettriku kien gia` nqatghet.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

**39.** L-Artikolu 6 [1] tal-Konvenzjoni, li fuqu huwa bazat dan l-aggravju, fil-parti relevanti jaqra hekk:

"(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi."

**40.** Fil-mertu din il-Qorti tosserva li ghandu jirrizulta car li l-Korporazzjoni appellata m'ghandha ebda funzjoni gudikanti, u ma tiddeterminax drittijiet u obbligi civili, imma tezercita funzjoni amministrattiva konsistenti bazikament filli tipprovdi servizz ta' elettriku f'qafas legali statutorjament defenit. Ghalhekk wiehed ma jridx xi sforz intellettwali kbir sabiex jintebah li dan l-artikolu manifestament m'huwiex applikabbli ghal kaz.

**41.** Izda, minkejja l-premess, jigi osservat li r-rikorrenti xorta wahda kienu konxji b'dak li kienet qed toggezzjona ghalih il-Korporazzjoni appellata, u wkoll kienu jafu bil-konsegwenzi, tant li fit-tielet okkazzjoni li impjegati tal-Korporazzjoni marru fuq il-post, qabel ma skonnettjaw il-*wires* biex jissospendu s-servizz, huma kienu gharrfu b'dan lir-rikorrent Nicholas Spiteri li, min-naha tieghu, baqa' jwebbes rasu, u wkoll naqas milli jadixxi lill-qrati ordinarji u jottjeni ordni provvizorja li timpedixxi b'mod legali lill-Korporazzjoni milli taqta' l-provvista tal-elettriku. Rizultat ta' dan, ir-rikorrenti ilhom zmien twil minghajr provvista ta' eletrikku fiz-zewg binjiet inkwistjoni. Ghal dan, ir-rikorrenti ghandhom ilumu biss lilhom infushom.

**42.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

*It-tielet aggravju*

**43.** Dan hu bazat fuq id-dispost tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, u hu fis-sens li r-rikorrenti gabu provi dwar *wire* partikolari li l-Korporazzjoni halliet imdendel ghal quddiem bieb ta' wiehed mill-*garages* li jinsabu fil-proprjeta` taghhom, u minkejja d-diversi lmenti li kienu ghamlu mal-Korporazzjoni u rapporti mal-pulizija dwar il-perikolu li johloq dan il-*wire*, il-Korporazzjoni ma hadet ebda passi fir-rigward. *"Ir-rikorrent gabu provi cari li l-Enemalta ma tiehux passi drastici fuq rapport dwar wires perikoluzi."* Ghalhekk isostnu li fil-konfront taghhom saret diskriminazzjoni meta l-Korporazzjoni ddecidiet li taqta' is-servizz tal-elettriku, ghal raguni li dan kien ta' perikolu, filwaqt li fil-konfront ta' terzi ma hadux passi.

**44.** Din il-Qorti, fir-rigward, taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

**45.** Fir-rigward tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti tosserva li dan l-artikolu japplika biss b'referenza ghal xi wahda mir-ragunijiet indikati fis-sub inciz 3 tal-istess artikoli. Fil-parti relevanti tieghu dan l-artikolu jaqra hekk:
"(3) F'dan l-artikolu, il-kelma "diskriminatorju" tfisser għoti ta' trattament differenti lil persuni differenti <u>attribwibbli għal</u>

kollox jew prinċipalment[33] għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skont irrazza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi jew sess li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn."

**46.** Fi kliem iehor sabiex tikkonfigura d-diskriminazzjoni kontemplata f'dan l-artikolu, din trid taqa' taht wiehed mill-irjus indikati fl-imsemmi sub-artikolu, u cioe` razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi jew sess. Fil-kaz odjern jirrizulta b'mod manifest li diskriminazzjoni bazata fuq xi wiehed minn dawn l-irjus ma tirrizultax.

**47.** Rigward l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, gie osservat hekk:

*"Art.14 will be breached where, without objective and reasonable justification, persons in 'relevantly' similar situations are treated differently. For a claim of violation of this Article to succeed, it has therefore to be established, inter alia, that the situation of the alleged victim can be considered similar to that of persons who have been better treated."* [ECHR – ***Spadea and Scalbrino v. Italy***, deciz 28/9/1995; ***Wessels-Bergovoet v. The Netherlands*** *4/9/2002;* Q.Kos. ***Enrietta Bianchi et v. Avukat Generali***, deciza 24/6/2011 App. 15/2007 ***Josephine Mary Vella v. Direttur Akkomodazzjoni Socjali u Kazin tal-Banda Leonard***, deciza 25/5/2012;]

**48.** Fil-meritu, il-Qorti fl-ewwel lok tosserva li l-perikolu li l-*cable* inkwistjoni seta' ta lok ghalih, ma kienx l-unika raguni li ghaliha l-Korporazzjoni ddecidiet li taqta' l-provvista tal-elettriku tar-rikorrenti. Kif fuq spjegat, il-mizura mehuda kellha fundament fir-regolamenti fuq indikati.

**49.** Fit-tieni lok, ma rrizultax provat li kien hemm pozizzjoni analoga bhal tar-rikorrenti, u ma ttiehdux passi

---

[33] Sottolienear ta' din il-Qorti

mill-Korporazzjoni. Ghalhekk l-element tal-paragun tal-*like with like* manifestament ma jikkonfigurax f'dan il-kaz.

**50.** Fit-tielet lok, ma giex provat li l-*wires* indikati mir-rikorrenti kienu fil-fatt ta' perikolu. L-unika prova li tressqet kienu r-ritratti li juru *wires* imdendlin, u xejn aktar, hlief allegazzjoni tar-rikorrent Nicholas Spiteri.

**51.** Fi kwalunkwe kaz, fic-cirkostanzi tal-kaz odjern ma qed tigi allegata ebda diskriminazzjoni ghal xi motiv ta' *status* kif rikjest sabiex ikun hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Mhux kull trattament divers iwassal ghal diskriminazzjoni skont l-Artikolu 14 imsemmi izda biex tigi ravvizata tali diskriminazzjoni dak it-trattament divers irid ikun motivat minn wiehed mill-i*status* elenkati f'dak l-artikolu jew fuq xi generu ta' *status* iehor.[34]

**52.** Ghaldaqstant dan l-aggravju wkoll huwa nfondat.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi tichad kemm l-appell mid-digriet tat-22 ta' Mejju 2012, kif ukoll mis-sentenza appellata, bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[34] Ara kaz **Kjeldsen, Busk Madsen u Pedersen v. Denmark**, ECHR 6 Dicembru 1976 § 56; Kaz **Carson u Ohrajn v. UK** § 61, ECHR Grand Chamber, 16 Marzu 2010; Q Kost **Enrietta Bianchi et v. Avukat Generali et,** 24 Gunju 2011.